Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 6 – IL-Ħamis, 9 t' Awwissu, 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-lagħqa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Larry Buttigieg – Paragrafu 5 – Franco Ciangura issġġerixxa li tintagħlab għajnuna għat-transport lill-Onor Chris Said.

   Larry Buttigieg - Paragrafu 3 – Larry Buttiġieġ irid jiċċara li huwa attenda ż-żjara f'Tolfa peress li ħadd aktar mill-preżenti ma ried jattendi.

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 5 u tal-minuti Ad Hoc, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 9 ta' Lulju – Laqgħa mal-Għaqdiet – preżenti mill-Kunsill: Francis Cauchi, Franco Ciangura, Larry Buttigieg u Peter Caruana. Rappreżentanti mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp, Klabb tal-Football, Armar, Ċentru Sant' Antnin, Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem u mill-Iskola tal-Arti attendew ghal-din il-laqgħa. Rappreżentanti mis-sorijiet Agostinjani, Arka, Inspire, Knisja Parrokjali, Radju Lauretana ma' attendewx. Għal din il-laqgħa attendiet ukoll Alison Camilleri fi ħdan il-MEUSAC fejn offriet kull għajnuna biex isiru applikazzjonijiet ghal-fondi mill-Unjoni Ewropea. F'din il-laqgħa ġew organizzati dati għal laqgħat individwalment mal-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem, Banda, Football u Centru Sant Antnin.
   - ETC work trial scheme – Is-Sindku qal li kif kien ġa miftiehem bejn il-Kunsill, għal din is-sena biss ser jidħlu żewġ studenti fuq din l-iskema biex jiġi preparat l-Fixed Assets Registrar tal-Kunsill.

- 10 – 13 ta' Lulju – is-Segretarju Eżekuttiv attendiet għall-ewwel workshop u *exchange of best practice meeting* fuq il-proġett tal-Interreg IV f'Irlanda. Il-Konsulenta Krista Farruġia, mill-kumpanija ADI akkumpanjat lis-Segretarju Eżekuttiv tul din iż-żjara.
- 13 ta' Lulju – laqgħa bejn is-Sindku, Renzo Curmi u Richard Cauchi fejn ġew kjarifikati l-ilmenti u l-affarijiet pendenti li kellu l-Kunsill fuq is-sistema tad-dwal.
- 16 ta' Lulju – Il-laqgħa pjanata maċ-*Chairman* tal-MEPA ġiet ikkanċellata min-naħħa tal-MEPA. Data alternattiva għada ma ġietx mgħotija lil-Kunsill.
- 17 ta' Lulju – daħal rapport fl-uffiċċju tas-sanita fuq l' ilma qiegħed f'Ta Passi – il-Kunsill iddeċieda li l-pond tal-papri u l-ġibja jiġu mbatla minnufih mill-ilma.
- 28 ta' Lulju – Laqgħa fl-għassa r-Rabat mas-Supretendent u mal-għaqdiet tar-raħal fejn is-suġġett kien il-festa. Attendew għal din il-laqgħa: is-Sindku, l-Arċipriet, Kevin Cauchi, Rudolph Cauchi, Clint Azzopardi u Joseph Azzopardi. Tul din il-laqgħa is-Supretendent talab għal-għajnuna ta' wardens biex jikkontrollaw il-folla waqt il-purċissjoni fejn ta' Mawru fil-Festa. Il-Kunsill m' approvax li jsir dan. Fost l-problemi li qajmu l-preżenti kienu x-xorb fil-flixken tal-ħġieġ u tazzi, l-ajruplani tan-nar, id-disco u d-dullieħa fil-marċ tal-ġimgħa. Waqt din il-laqgħa, ġie deċiż ukoll li fid-9 t'Awwissu fis-2.30pm fil-Kunsill, is-Supretendent se jkellem lil-applikanti tal-bars u kiosks li jarmaw għal-festa biex jiġu ċċarati r-regolamenti. Min ma jattendiex għal din il-laqgħa, se jkollu jmur għal-laqgħa oħra fl-Ghassa tar-Rabat.
- Is-Sindku ssuġerixxa li għandhom isiru *no parking signs* minn ġimgħa qabel il-festa mnejn ser jgħaddu l-marċijiet, biex b'hekk in-nies ikunu avżati minn qabel biex ma jħallux karozzi fit-triq mis-6pm il-quddiem skond id-data li jkun hemm fl-avviż. Il-Kunsill approva li jsiru dawn, fejn il-Kunsill jieħu ħsieb li jiprintja l-avviżi, u jiġu mwaħħla mill-għaqda tal-armar mal-antarjoli.
- 30 ta' Lulju – is-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u l-Perit Scerri marru fil- Wied ta' Simirat biex jeżaminaw x'hemm bżonn biex jiġu preparati d-dokumenti tat-Tenders għat taħmil.
- 31 ta' Lulju – laqgħa individwalment mal-Football, Għaqda tal-Banda, u Ċentru Sant Antnin. Il-laqgħa mal-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem ġiet imħasra għaliex kien hemm ħafna mir-rappreżentanti li ma setgħux jattendu. Għandha ssir laqgħa magħhom wara l-festa.
- *Keep clear* Maltapost – il-Kunsill approva li din issir kemm il-darba TM jaċċettaw li ssir quddiem l-uffiċċju tal-Maltapost.
- 7 t'Awwissu - Laqgħa ma' TM rigward l-Arriva fl-uffiċċju l-Furjana – ġie diskuss li ser isir proposta mal-Kumpanija Arriva li kull sagħtejn, ir-rotta 303 tgħaddi minn Triq Sant Antnin, Triq Hamri, Triq Fawwara, Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq Mogħdija u Triq Mġarr u kull sagħtejn tgħaddi mir-rotta preżentament, li hija Triq il-Qala, Triq Simirat, Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq Mogħdija, u Triq Mġarr. Din il-proposta, li saret mis-Sindku, ser tiġi diskussa minn TM u l-kumpanija Arriva fejn wara l-Kunsill ser jiġi nfurmat x'deċiżjoni ttieħdet. Peter Caruana issuġġerixxa li r-rotta li tgħaddi minn Triq Hamri, tibqa sejra għal-Triq il-Ġnien fejn wara tinżel minn Triq Mġarr. Il-Kunsill qabel li jgħaddi dan is-suġġeriment lill-TM.

- Reklam fuq il-Magazine tal-Banda – il-Kunsill approva reklam ta' paġna sħiħa bil-kulur li jqum €160. Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda d-disinn tar-reklam u dan ġie approvat mil-Kunsill.
- Tibdil tat-Tabella 'Merħba Għajnsielem' – is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn ġew mibdula mill-HSBC. Il-Kunsill talab biex isir ringrazzjament lill-HSBC u niċċekjaw jekk jistax jiġi mniżżel l-isem tal-Ġemellaġġ.
- Applikazzjoni ta' *reserved parking* fit-Triq Mogħdija – approvata
- Information Board fuq l-Għajn tal-Hasselin – issir fejn ikun hemm il-logo tal-Eko Gozo.
- Għajn tal-Hasselin - *update* – sar survey ġdid fejn l-informazzjoni rikjesta intbgħatet lill-SCH u l-arkeoloġista Amanda Gustaffsson. Peter Caruana saqsa jekk hemmx periklu għat-tfal tul il-festa. Il-Kunsill qabel li jibni l-ħajt tas-sigurata aktar sod.
- *Wifi* u servizz ta' *internet* fl-Uffiċċju tal-Kunsill – is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm xi individwi li jikkapparaw il-kompjuters u b'hekk ta' warajhom ma jkunx jista jinqedha b'dan is-servizz. Barra minn hekk, qed ikun hemm min jiddawlowdja xi programmi fuq il-kompjuter, li jkun fih xi virus li jagħmel l-ħsara lil kompjuter. Il-Kunsill approva li jitwaħħal avviż li jindika anke l-ħin, biex dan is-servizz ikun jista jiġi kkontrollat aħjar u jkun jista jinqeda kullħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tieħu ħsieb li twaħħal dan l-avviż fejn l-kompjuters fis-sala ta'fuq.

## 4. Knis

Tul l-aħħar xahar saru diversi korrispondenzi bejn Laurie Zammit tal-KIP u s-Sindku. Is-Sindku għamel diversi spezzjonijiet fit-toroq fix-xahar ta' Ġunju u nofs Lulju fejn irriżulta li l-knis ma kienx qed isir skond l-iskeda li kien hemm miftiehem fit-tender. Hu ġabar ukoll rendikont ta' kemm għamlu xogħol il-kenniesa fir-raħal, skond ir-rassenja tal-kenniesa stess, u rriżulta li barra li kien hemm toroq li ftit jew xejn kienu qed jinkinsu kien hemm ammont konsiderevoli ta' toroq oħra li l-kenniesa qatt ma marru jikinsu. Is-Sindku għamel pjanti bl-ismijiet tat-toroq tar-raħal fejn niżżel ukoll fuqhom kemm il-darba trid tinkines kull triq fil-ġimgħa, u għadda kopja lil kull kennies biex ma jkunx hemm aktar skużi. Il-Kunsill approva li tintbagħat Deafault Notice lill-KIP minnufih għaliex is-servizz ħżien ħafna tul l-aħħar xhur b'mod partikolari fiċ-centru tar-raħal. Is-Sindku se jagħmel *monitoring* tat-toroq tul dan ix-xahar li ġej.

## 5. Pjazza

Is-Sindku qal li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jieħu deċiżjoni finali fuq il-proġett tal-Pjazza biex jagħti sodisfazzjon lill-poplu Għajnselmiż u għax il-flus mil-UIF li l-Kunsill ħalla parti sostanzjali minnhom għat-tisbiħ tal-Pjazza jistgħu jintilfu. Wara ħafna korrispondenza, laqgħat, u diskussjonijiet jidher li l-Kunsill ma wasal għal-ebda soluzjoni mal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi biex isir dan it-tisbieħ. Is-Sindku qal fit-2 ta' Lulju kien ta l-pjanta u l-kundizzjonijiet tal-Pjazza lill-Dun Eddie biex jaddihom lill-Isqof. L-għada Dun Eddie ċempillu fejn qallu li l-laqgħqa bejn is-sur Gużman u l-Kunsill Parrokjali kella ssir fit-13 ta' Lulju f' Għajnsielm. F'din il-lagħqa kella tiġi diskussa il-pjanta tal-Pjazza u l-kundizzjonijiet li kienu

diġa kienu miftehma mil-Kunsill, l-Arċipriet u l-Ministeru. L-għada s-Sindku ċempel lill-Dun Eddie fejn qallu kif kien baqa s-sur Gużman fil-lagħqa dwar il-Pjazza. Dun Eddie qallu li ma kienx jaf. Is-Sindku qallu li hu kien infurmat illi fil-lagħqa ġiet diskussa l-kwestjoni tal-Football Ground u l-Pjazza lanqas biss idduskutewa. Dun Eddie qal lis-Sindku li kien ser jagħti ordni lis-sur Gużman biex imur immedjatament għand l-Arċipriet, jieħu d-dokumenti u l-pjanta miegħu u jiddiskuti l-Pjazza miegħu. Fis-16 ta' Lulju Dun Eddie ċempel lis-Sindku fl-10.00pm fejn qallu li s-sur Gużman kien mar għand l-Arċipriet u qallu li l-Arċipriet kien qabel mal-pjanta u l-kundizzjonijiet. Dun Eddie qal lis-Sindku li l-Kumitat Amministrattiv tal-Kurja ma jaqbilx mal-kundizzjoni fejn il-manutenzjoni tal-Pjazza għandha ssir bejn il-Knisja u l-Kunsill. Is-Sindku qal lill Dun Eddie li dik il-kundizzjoni kien għamilha l-istess Arċipriet. Hu talab lill Dun Eddie biex jibghat email lill Kunsill u jinfurmaħ b'dan biex wara tkun tista tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku qal sal-lum hu kien għadu ma rċieva l-ebda risposta minn għand Dun Eddie jew is-sur Gusman. Franco Ciangura ssuġġerixxa li ssir laqgħa bejn Arcipriet, is-Sur Gusman, Kunsill Parrokjali, Isqof, Dun Eddie, Ministru u Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment, fejn is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerit li l-ewwel issir korrispondenza mal-Ministeru għal-Għawdex biex tikkonferma li l-fondi mil-parti tagħha li kienu allokati għal-Pjazza għadhom disponibli. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment fejn appena jkun hemm din il-konferma, tintbagħat email lis- Sur Gusman b'kopja lil kull min se jkun mistieden għal din il-laqgħa.

## 6. Kids fair

Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba biex bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni ma' Buzzy Kids Entertainment biex għal sena oħra tittellgħa l-Kids Fair. Din is-sena d-data se tkun nhar 16 ta' Settembru mill-5pm sa10pm fejn l-*fund raising* se jsir għal-Eden Foundation. Peress li se jsir fil-għaxija, saret talba għal-provista ta' floodlights, iżda l-Kunsill m' approvax li dawn jiġu mħalsa mill-Kunsill. Bħas-snin l-imgħoddija, l-Kunsill se jieħu hsieb li jkun hemm wardens biex jikkontrollaw it-traffiku u li jitqasmu flyers 'bieb-bieb', f'Għawdex kollu.

## 7. *Recreational park* f' Ta' passi

Wara korrispondenza mill-GAG biex issir laqgħa urġenti mad-Direttur tal-Planning, fl-24 ta' Lulju saret laqgħa bejn is-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Perit Scerri u Robert Naudi mill-MRRA u s-Sur Chris Borg, Direttur tal-Planning, Alex Camilleri mis-sessjoni tal-Ambjent u xi żewġ kollegi oħra fi ħdan il-MEPA. Is-Sur Robert Naudi, li huwa mill-*paying agency* fuq il-Miżura 313 qal li jekk sal-31 t'Ottubru 2012 l-Kunsill ma jkollux l-permess tal-iżvilupp mill-MEPA f'idejh ma jkunx jista jiffirma l-kuntratt tal-fondi għal dan il-proġett u b'hekk dawn jintilfu. Hu għalhekk għamel enfasi kbira lid-Direttur biex dan il-permess joħroġ sa dak iż-żmien. Ta bidu għal din il-laqħha d-Direttur Borg, fejn l-ewwel punt li għamel kien li l-Kunsill ma kienx mexa mal-permess tad-DNO u ma żammx kelmtu li l-iżvilupp ta' Bethlehem f'Għajnsielem kellu jiżżarma sa tlitt xhur. Hu qal li kienet il-MEPA stess li bidlet il-policy minn xahar għal 3 xhur minħabba dan il-proġett u sal lum, 7 xhur wara fadal ħafna strutturi fuq il-post. Waqt il-laqgħa is-Sindku qabel ma dak li qal id-Direttur. Hu spjegalu li dan kien jiġi żarmat mill-voluntiera tal-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem li kienet twaqqfet

sentejn ilu. Għalkemm il-Kunsill għamel diversi pressjoni ma din il-fondazzjoni biex jiżżarma kollox sa 3 xhur, dan kien qed jiżżarma b'ritmu verament bil-mod u b'ċertu apatija u għalhekk il-Kunsill kien qed isibha diffiċli li jikkontrolla dan kollu. Is-Sindku wiegħed lid-Direttur u dawk preżenti min naħa tal-MEPA li fil-laghqa li jmiss tal-Kunsill kien ser jagħmel suġġeriment sabiex Ta Passi jitnaddaf u jiżżarma minn kuntrattur privat biex fi ftit ġranet jitneħħa kollox. Hawn is-Sindku qal lill-Kunsilliera jekk jaqblux ma dan, fejn qablu totalment, u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv tieħu ħsieb u tqabbad kuntrattur li jagħmel dan mill-aktar fis possibli. Is-Sindku qal ukoll li tul din il-laghqa, il-MEPA talbet lill-perit Scerri li jsiru xi emendi oħra fil-pjanti kif ġew issuġġeriti f'dik il-lagħqa u jibgħathom immedjatament. Il-MEPA ser tagħmel spezzjoni fuq il-post biex tiċċekja jekk tneħħwx l-istrutturi u affarijiet oħra. Id-Direttur wiegħed li kien ser jagħmel dak kollu possibli biex l-applikazzjoni tiġi proċessata sa qabel l-aħħar ta' Ottubru 2012, iżda mhux kollox jiddependi minnu.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-pjan Ta' Passi jibqa kif dejjem kif kien deċiż, irrelevanti mill-pjanijiet tal-Football Ground peress li l-permess għal-*extension* huwa diffiċli ferm li joħroġ.

## 8. Website

Is-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet ma Kevin Cauchi u Joseph Sultana li huma l persuni li jieħdu ħsieb l-website *ghajnsielem.com* fejn saret diskussjoni ta' kif tista tinbena website tal-Kunsill. Huma ħarġu b'dawn is-suġġerimenti:

- Domain name – www.ghajnsielemlc.com
- Paġni li jinkludu: storja t'Għajnsielem, storja tal-Kunsill t'Għajnsielem, kuntatt, proġetti tal-passat, proġetti tal-futur, minuti, aġenda u skeda tal-pagamenti, aħbarijiet – stqarrijiet, u servizzi.
- Prezz ta' €400 li jkopri d-desinn tal-website u l-ispejjeż inizjali fejn wara l-ispejjeż għal-manutenzjoni tal-website hi ta' €250 kull sena. Apparti dan, il-Kunsill jgħaddi pagament ta' €150 fis-sena lil Joseph Sultana sabiex jieħu r-ritratti f'kull attivita tal-Kunsill.
- Il-Kunsill approva din l-offerta.

## 9. Stedina għal-Tolfa mill- 28 t'Awwissu – 1 ta' Settembru

Is-sindku fakkar li aktar kmieni dan ix-xahar waslet stedina oħra min Tolfa biex jattendu xi membri tal-Kunsill għal-'Tolfa Art Festival', fejn il-Kunsill kien iddeċieda li jattendu għaliha Larry Buttigieg u Franco Ciangura, flimkien ma' grupp mill-Iskola tal-Arti.

Is-Sjr Angela Ceccerelli bagħtet programm ta' din iż-żjara, fejn il-programm jirreferi li l-akkomodazzjoni għandha tkun mar-residenti min Tolfa iżda ma tatx aktar dettalji. Is-segretarju eżekuttiv iċċekjat dak il-ħin kemm huma l-*flights* għal-Ruma, u kienu ferm għoljin, fejn għal-tlett persuni tiġi madwar €1,700. Il-Kunsill iddeċieda li ma jmur ħadd bhala rapresentant mill-Kunsill t'Għajnsielem għaliex jippreferi jonfoq dawn il-flus għal aktar użu u ġid tar-raħal.

## 10. *Embelishment* tal-Pjazza tad-Dehra

Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-perit Godwin Sultana u l-engineer Renzo Curmi ltagħqu l-Kunsill biex jiddiskutu l-embelishment tal-Pjazza tad-Dehra bil-Fondi tal-Miżura 414. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal permess tad-DNO mal-MEPA. Wara l-prezenti marru fuq il-post fejn il-perit kien tal-femha li l-banju eżistenti tal-ilma jiġi eliminat u jsir minflok formi ta' planki fejn l-ilma jaqa għal fuqhom u wara l-ilma jinżel għal ġo gutter. Is-SE qalet li kieku l-banju jsir tond ikun aħjar milli kif inhu bħalissa bid-disinn. Is-Sindku qal li kien jaqbel ma dan u ssuġġerixxa wkoll li biex ma jkunx hemm blokka waħda ta' planki għandu jkun hemm intervalli ta' xi 8 pulzieri bil-ħġieġ matt forma ta'ruġġiera fejn joħrog id-dawl minn taħthom. Hu qal ukoll li kif ser isir l-embelishment kien ser jinqata darba għal dejjem il-ħmieġ u l-weraq li kien jaqa fil-banju. Il-perit qabel li c-ċirku ta' taħt il-pedestal għandu jiċċekken biex ikun hemm iżjed spazju għan-nies kif ukoll jitneħħew il-hedges u jitħawwel *lawn* minflok. L-engineer Curmi ħa ħsieb is-sistema tad-dwal kif ukoll l-irrigazzjoni għal dan l-*embelishment.*

## 11. Customare Care

- 'Keep clear' fis-slip way Triq ix-xatt – approvata
- Mera fit-Triq Sant Antin faċċata tat-Triq Patri Cesal – approvata
- Double yellow lines quddiem xi residenti fit-Triq fuq l-Għajn – il-Kunsill approva li l-persuna kkonċernata ġġib l-approvazzjoni mis-sid tar-residenza fejn qed jitlob li jsir *double line.* Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir talba ma TM la darba ikollu din l-konferma bil-miktub.

## 12. Materji oħra:

- Stephen Mercieca
    - Tiġi mwaħħla tabella *turn left* fit-Triq Mgarr (ħdejn ir-Rexy) - approvata
    - Fjuri għal ġol-pots – is-Segretarju Eżekuttiv diġa ħadet ħsieb u għamlet lista tax-xtieli li għandna bżonn. Stephen issġġerixxa li jiġu ordnati mingħand il-ħanut tal-fjuri ta' Pjazza Madonna ta' Loreto. Approvata

- Peter Caruana
    - Bankijiet fit-Triq Malta – is-Sindku rrisponda li twaħlu.
    - Belvedere Hamri Street – is-Segretarju Eżekuttiv skużat ruħa li għadha ma kellix ħin toħroġ avviż għat-tender ta' dan r-refurbishment iżda għandha tiltaqa mal-Perit Scerri l-ġimgħa d-dieħla biex jipprepara d-dokumenti tat-tenders.

- Larry Buttigieg
    - Sarx żvilupp fit-Triq Palma – is-Sindku qal li suppost sar xi patching, iżda għandu jerġa jiċċekja.

- Zvilupp fit-Triq Cordina? – is-Sindku se jerġa jkellem lill-Ministeru għal-Għawdex fuq din it-Triq peress li din taqa taħt ir-responsabilita tiegħu.

- Franco Ciangura

  Irringrazzja lil Kunsill tal-opportunita li tah biex kien preżenti għal-attivita Tolfa Arte. Huwa ta rendikont ta' din iż-żjara f'Tolfa fejn kienet ta' suċċess kbir. Franco spjega li ġejjin xi group ta' 4 persuni biex jistudjaw l-Ingliż u jixtiequ li ssir laqgħa mal-Kunsill, il-Ministru għal-Għawdex u l-Ministru Chris Said. Franco kompla jgħid li tkun idea tajba jekk is-sena d-dieħla jagħtu spazju lill-Għajnsielem tul din l-attivita ta' Festa Arte.

  - Toqob għal-armar fil-Pjazza Independenza – problema bil-cables tad-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tkellem lil Rudolph Cauchi u tiftiehem miegħu.
  - Triq Cordina – titneħħa gradilja minn fejn hi u timxi ftit għal-parti li qegħda maqluha bħalissa – approvata jekk ma jżomx ilma fil-parti mnejn ser tinqala biex ma jkunx hemm konsegwenzi għal post il-fuq minn din il-gradilja.
  - Fanal quddiem il-bużaqq – is-Sindku qal li weħel pero għadu irid jixhel.
  - Fontana fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru ma taħdimx – is-Sindku se jkellem lill-Engineer Renzo biex tibda tiffunzjona
  - Cement fir-rampa tal-Knisja ta' Sant Antnin – se titranġa fil-gimgħa li ġejja
  - Triq Xprunara kantuniera ma' Triq Malta – buzbiez fuq il-bankina – is-Sindku se jiccekja jekk hux privat biex fil-każ jinqata.
  - Poster tal-festa – daqt ikun lest u jgħaddi għand il-Kunsill għal approvazzjoni.

-

**13.Tmiem il-Laghqa**

Wara li kien hemm qbil li l-lagħqa li jmiss issir nhar l-Erbgħa. 5 ta'Settembru fis-3.00 pm, is-Sindku ddikjara l-lagħqa magħluqa fit-10.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv